KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 63** **Tlieta 18 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevietx ittri t'apoloġija, però il-Kunsilliera Gatt u Bonnici nformaw lis-Segretarju Eżekuttiv li qegħdin xogħol.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 62**

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew biex niffirmaw il-kuntratt mal-Lands. Is-Sindku nforma li tal-Lands informawh għandhom bosta kuntratti li qed jiġu preparati. Bħala Kunsill apparti l-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, hemm wkoll il-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' ġnien Reġġie Cilia u l-madwar fejn ser isir il-proġett ta' Project Green li diġà ġie mħabbar uffiċjalment.

Rigward *bye-law* li saret mil-Park Nazzjonali li jinsab ta' Qali, Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fittxet mil-2019 sal-2023, però din il *bye-law* ma telgħetx fis-sistema, u għalhekk għandha ssir talba għalija biex nkunu nistgħu nieħdu idea ta' prezzijiet u din isservi ta' linja gwida biex nagħmlu l-proposta tal-Bye Law tal-ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
Is-Sindku nforma li rrisponda lil *public works*, li l-Kunsill ser nipprovdu materjal tal-ħadid neċessarju biex isiru l-*gratings* li hemm fis-saqaf tal-ġiebja jew inkella il-Kunsill iħallas biex jinxtara dan il-materjal. Huwa nforma wkoll li talab li jixtieq li jkun hemm rapport strutturali mill-perit tal-*public works,* apparti l-perit tal-PAMA rigward il-kundizzjoni tas-saqaf ta' dan il-ġibjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekkja mal-*handyman* tal-Kunsill meta ser jitbattal il-ġibjun, u nkunu ċerti li dan jitbattal fl-*overflow* u mhux fit-triq.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma li għad ma ngħatax appuntament mas-CEO u s-Sur Paul Abela f'isem l-SME's. Il-Kunsillier Cassar nforma li sa issa t-traffic management li sar fuq il-pont, mhux qed taħdem tajjeb.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li għalkemm sar qbil biex jiġġedded il-kuntratt, għad trid issir laqgħa mal-kuntrattur Elles Urban Services, però għadu ma tagħniex data. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat illi minħabba n-nuqqas ta' kommunikazzjoni minn Elles Urban Services, ġie *drafted* tender għal xogħlijiet tat-toroq, u ntbagħat lil-Kunsilliera għal-*feedback*.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar l-*issue* tal-*works orders* bla valuri, u s-Sindku nforma li għandu jingħata appuntament wara l-festi mad-Direttur Ġenerali tad-DLG.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Avukat bagħat l-ittra legali biex nibdew bil-każ, u għalhekk issa nistennew li nibdew bis-smigħ fit-tribunal tat-talbiet żgħar.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna risposta fejn il-GreenPak jipprovdi is-CCTV u l-installazzjoni. Rigward tabella tas-CCTV, u l-installazzjoni ta' l-arblu (jekk meħtieġ), u l-ispiża tal-operat inkluż l-ispejjeż tas-*sim card*, il-Kunsill Lokali għandu jiffinanzja tali spejjeż.
Il-membri preżenti qablu li nikkomunikaw mal-GreenPak għass-CCTV, u s-Sindku qabel għandu jibgħat il-*locations* b'*google maps*, fejn iż-żewġ *sets* ta' *bins* ħa jitpoġġew fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u *set* fi triq il-Fortizza.

Il-Kunsillier Zerafa ssuġġerixxa li jsiru *set* fejn il-katakombi ta' Bistra, però s-Sindku qal li fejn Heritage site ma jmorrux Bring-in-Sites.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex inressqu talba għal-fondi lill-NDSF biex jekk jista' jkun il-proġett isir fl-intir tiegħu kif disinjat, u fanali mad-dawra tal-Pjazza jkunu jaqblu ma dawk li saru mill-fondi tal-NDSF kif disinjati mid-diżinjatur tad-dawl Franck Franjou.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Ġie diskuss mall-ERA li l-kameras jistgħu jiġu provduti mill-Greenpak u għalhekk is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' l-ERA fejn il-fondi mfaddla għal proġett ambjentali għandhom jintużaw kollha għall-proġett tal-ġiebja fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-proġett tela' quddiem il-bord, u ġie approvat biex jsir ir-restawr tal-ġibjun fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta bil-fond preżenti jammonta għal madwar €75,000. Parti min dan il-fond irid jintuża biex jitneħħew siġar/arbuxelli invażivi, u jitħawlu oħrajn flokhom. Għalhekk, issa jmiss li jsir il-kuntratt jew MOU mall-ERA. Jridu jsiru l-pjanti, issir stima dettaljata u napplikaw għall-permess mal-awtorità tal-Ippjanar.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Sindku nforma li ltaqa mal-MicaMed u għandu jibgħat proposta u stima biex jintgħażel id-dawl li jrid isir fi triq Ragusa, jiġifieri bejn il-pont u z-*zebra crossing* li hemm qabel taqbad ir-rampa ta' ġnien Vjal Ragusa. Jekk jibqa' fondi jsir ukoll d-dawl matul din ir-rampa fi ġnien Vjal Ragusa liema ġnien ser isir minn Project Green.
Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tiċċekkja kemm fadal bilanċ mis-somma tal-fond tal-LESA biex ikun jista' jsir dan il-proġett propost.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet talbet lil-Avukat tal-Kunsill biex issir l-emenda tat-test tal-abbozz legali mil-Avukat tal-Kunsill, u għalhekk ħa tibgħat tfakkira.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu. Ser jiġi avviċinat wara li tkun lesta il-pjazza. Il-Kunsillier George Borg semma li kellna napplikaw għal-*bike rack* tal-iskola taż-Żokkrija li issa ilha wisq biex issir. Huwa talab biex din issir kemm jista' jkun malajr.

**REF: 54.4.4 UPDATE ĦARĠIET**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa li saret f'Għawdex attendew 52. Ħarġa li jmiss ser issir Birżebbuġa fit-27 ta' Lulju.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lis-Sindku li għad jrid jibgħat ir-rendikont tal-*financial bids* li offrew il-*bidders* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u ssir l-evalwazzjoni mil-bord. Is-Sindku nforma li għadu jrid jaħdem fuqha.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Sindku u il-Kunsilliera Galea nformaw li għad ma ppruvawx jidħlu fis-sistema biex jevalwaw, u il-Kunsilliera Galea nfurmat wkoll li nesiet il-*password.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat il-*username* lil Kunsilliera Galea biex tkun tista' tibdel il-*password.*
Rigward l-*issue* tal-Kunsillier Cassar, Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja peress li mhux qed jitlawlu l-*bidder*s.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Rigward l-ispustjar tal-monti, is-Sindku nforma li bagħat email lis-Sur Godwin Warr tat-Trade Department.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħareġ l-avviż ta' impjieg għal żewġ impjegati skala 15, liema avviż jagħlaq nhar l-24 ta' Lulju 2023, fejn sa issa rċevejna żewġ applikazzjonijiet. Rigward it-tielet sejħa għal-impjegat fuq l-istess skala, għad qed nistennew li jinħareġ il-permess.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Sindku nforma li tkellem mal-familja Micallef, biex jara jekk jikkunsidrawx li l-monument jiċċaqlaq fl-istess triq li ser t'issemma għalih fil-Housing Estate, però jippreferu li l-monument ta' Freddie Micallef jibqa' fejn iċ-ċentru ċiviku fil-pjazza.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad qed nistennew *update* mil-Kunsillier Bonnici, li kellha tattendi għal-laqgħa taż-żagħżagħ.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dwar id-*disabled parking bay* li hemm fit-tarf wara l-*bus stop,* li kienet tintuża min persuna li llum ġie nieqes, irċevejna lura min Transport Malta (TM), u din tista' titneħħa. Il-permess ingħadda lil-*handyman* tal-Kunsill biex titneħħa.

Is-Sindku nforma li l-pjanti tal-proġett huma finali u l-Perit jista' jibda l-konsultazzjoni mas CRPD, Transport Malta (TM), ERA u mas-Superintendence of Cultural Heritage (SCH) biex mbagħad wara tiddaħħal l-applikazzjoni mal-awtorità tal-Ippjanar.

**REF: 56.3.10 Laqgħa Pubblika t'April**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil membri presenti biex min għadu ma bagħatx ir-Rapport Amministrattiv 2022, jibgħatu mill-aktar fis. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti, li malli tlesti l-minuti tibgħat l-aħħar tfakkira b 'imejl, lil dawk il-Kunsilliera li fadal jissottomettu r-Rapport Amministrattiv 2022.

**REF: 56.4.6 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fadal is-Sindku, l-Kunsilliera Cassar u Rapa biex jibgħatu l-artiklu tagħhom. Il-Kunsillier Deguara nforma li issa tard wisq biex jinħareġ qabel il-festa, u ser jkollu jerġa jibgħat l-għaqdiet biex jibdlu l-artiklu għax kitbuh għal qabel il-festa. Tkompliet id-diskussjoni u l-membri qablu li l-*magazine* jinħareġ f'Settembru.

**REF: 58.3.1 Cleaner għal-uffiċini tal-Kunsill**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sa issa applikaw erba' mil-lista tal-Jobsplus, u nfurmat lil-bord biex niftehmu għal-data għal-*interviews*

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet lil perit tal-Kunsill biex jsir reviżjoni tal-BOQ's ta' triq Dun Mikiel Xerri u triq Charles J. Vassallo għad-tqegħid tal-madum biss u bdil ta' dawk is-servizzi neċessarji.

Saret diskussjoni fejn il-membri preżenti qablu li jkun hemm bdil fid-deċiżjoni li saret fl-aħħar laqgħa biex minflok, triq Dun Mikiel Xerri u triq Charles J. Vassallo jibqgħu kif kienu oriġinarjament jiġifieri li jsiru bil *concrete imprint,* filwaqt li jkunu Sqaq Xorxa u Sqaq San Anton Abbati li jsiru bil-*paving blocks* li nqalaw mil-pjazza, u għalhekk issir reviżjoni tal-BOQ ta' dawn iż-żewġ toroq għat tqegħid tal-madum biss u bdil ta' dawk is-servizzi neċessarji.

Il-Perit tal-Kunsill għandu jirrevedi l-BOQ's bil-prezzijiet u kwantitajiet ta' Infrastructure Malta (IM), għal *concrete imprint* u tqegħid tal-madum inkluż bdil ta' dawk is-servizzi neċessarji. Jista' jkun li jrid jiġi rivedut il-kuntratt ta' DPF li ġie iffirmat mal-awtorità tal-Ippjanar.

**REF: 58.3.3 Latrina Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Avukat tal-Kunsill ġie nfurmat biex jipprepara l-abbozz tal-*bye-law,* biex nkunu nistgħu nibdew nimplimentaw il-ħlas ta' 50c. Filwaqt li *draft* tat-tender, intbagħat lil Kunsilliera għal *feedback* u approvazzjoni.

Is-Sindku nforma li tkellem mal-perit ta' Infrastructure Malta (IM), għax wara l-festi ser mmexxu kif kien approva il-Kunsill li nkissru l-latrini ta' taħt l-art, u nużaw il-permess li għanda validu biex l-ispazju ta' taħt l-art isiru *stores* tal-Kunsill*,* fejn dan ix-xogħol jsir min IM u l-Kunsill jħallas lil-IM.

Bħala latrina pubblika kif kien miftiehem fil-laqgħa numru 62, il-latrina tad-*disabled* ser tkun *gender-neutral* u ser tkun flok dik li llum hemm fil-pjan terran biswit il-parkeġġ li llum hija biss għad-*disabled.*

Eventwalment ser napplikaw mar-reġjun għal-fondi biex jsiru latrini pubbliċi ġodda. Is-Sindku qal lill-kunsilliera li hu għandu l-idea li l-latrini pubbliċi flok jinbnew fil-pjan terran quddiem il-lift taċ-ċentru ċiviku, kif diġà ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, jsiru fiż-żona tal-proġett ta' Project Green, fi ġnien Reġġie Cilia. B'hekk ma jiġux fil-pjazza diretta imma xorta jkunu viċin, kif ukoll ikunu qed jinbnew bil-fond ta' Project Green u mhux tal Kunsill. Il-Kunsill b'hekk jiffranka dawn il-fondi u lanqas ma napplikaw għall-fondi tad-DPF, liema fondi s'issa huma diġà kważi eżawriti. Is-Sindku semma wkoll li fl-ispazju tal-ġnien isiru latrini pubbliċi għan-nisa, rġiel u persuni b'diżabilità. L-istess latrini pubbliċi jkunu wkoll eqreb tal-ġnien u tal-klabb tal-boċċi. Saret diskussjoni fejn l-aħjar jsiru, u l-Kunsillier Cassar ippropona li dawn jsiru eqreb lejn l-għassa, għax bħala attivitajiet hemm l-aktar li jsiru, milli biswit il-klabb tal-boċċi.

Is-Sindku nforma li ħa jitlob il-perit ta' Project Green, Studjurban biex jagħmel *sketch* u *proposal*, biex tkun tista' tiġi preżentata lil-Kunsill u b'hekk tidħol mall-proġett ta' Project Green. Il-Kunsillier Cassar insista li l-latrini pubbliċi għandhom jkunu moderni u *self-clean*, u mhux taċ-ċeramika.

Il-membri preżenti approvaw, li l-latrini pubbliċi għandhom jkunu moderni u *self-clean*, u mhux taċ-ċeramika

**REF: 58.3.6 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kif ġie msemmi aktar kmieni fil-laqgħa, saret l-applikazzjoni għal impjieg fuq skala 15, u qed nistennew il-permess.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li ħareġ il-permess għaż-żebra crossing, imma fadal napplikaw għal *sleeping police,* li tiġi triq il-Mitħna kantuniera ma triq il-Bdoti.
Is-Sindku ser jieħu ħsieb japplika ma Transport Malta (TM), u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tgħaddi l-permess ta' triq il-Mitħna lis-Sindku.

**REF:59.3.3 Parks and Gardens – Housing Estate**
Il-Kunsillier Deguara nforma li tkellem mas-Sur Alfred Baldacchino fejn issuġġerixxa li tinqata l-fergħa li tagħti l-fuq lejn il-bjut. Però qabel ma tagħmel ix-xita il-bejt għandu jinkines ftit, u b'hekk l-katusi ma jinstaddux, u l-arja safja tibqà ġejja mis-siġar, u siġar jibqgħu jilqgħu ix-xita, ix-xemx, u anki id-diesel tal-karozzi. Is-Sur Baldacchino jħoss li jridu jaqilgħu s-siġar akkost ta' kollox u mingħajr ebda raġuni xjentifika, soċjali jew ekonomika. Din hi biss opinjoni tas-Sur Baldacchino għaliex il-Kunsill diġà għandu l-permess tal-ERA biex jinqalgħu u jrid iħawwel 50 siġra/arbuxxel liema siġar/arbuxxel il-Kunsill lest iħawwilhom kollha fil-madwar tal-Housing Estate.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li tinqala s-siġra ta' fejn il-*girl guides*, u flokha tkun miżrugħa jew siġra taċ-ċipress matura jew siġra oħra matura ta madwar erba' metri. Is-siġar l-oħra li qed jaqbżu ferm il-bjut u li ma jistgħux jinżabru l-isfel mill-apramorta għaliex jibqa' zokk biss, ser jinqalgħu skont il-permess tal-ERA. Dawk li jistgħu jinżabru ser jinżabru.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
**<u>Roundabout quddiem l-MCAST/LIDL</u>**
Is-Sindku nforma li wara tlett xhur kien rċieva risposta mingħand Martina Caruana dwar il-proposta li kien għamel il-kunsill lill-MCAST. Qal li komunikat lilu li l-MCAST iddeċidew li ma jidħlux għal din il-proposta.

Is-Sur Simon Abela, membru fil-kumitat, qal li kien laħaq iltaqa' u tkellem mas-Sur James Calleja (Prinċipal) u spjegalu l-proposta li kienet saret mill-kunsill. Intlaħaq ftehim li jerġa jsir kuntatt mas-sur Calleja f'Settembru biex tkun diskussa aktar fid-dettal din il-proposta u jaraw il-possibiltajiet li l-MCAST tidħol għal dan il-proġett. Simon qal li ma tkunx idea ħażina jekk il-Kunsill jagħmel kuntatt mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u jurih l-intenzjoni tiegħu.
Il-kumitat insista li għandu jkun hemm *time frame* ta' implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ proposti.

**<u>Konklużjonijiet :</u>**

- Li r-roundabout ta' quddiem l-MCAST għandhom isiru aktar diskussjonijiet mal-MCAST, Prinċipal u l-Ministru tal-Edukazzjoni.
- Li l-espressjoni artistika għandha tkun libera u f'idejn l-artisti jew studenti tal-MCAST.
- Li t-tema fir-roundabout ta' biswit il-pont għandha tkun "L-istorja Naturali ta' Wied il-Għasel bl-istejjer u t-tradizzjonijiet marbuta miegħu"
- Li fit-*Terms of Reference* nindikaw it-tradizzjonijiet marbuta ma din iż=żona u ninstigaw lill-artisti sabiex jagħmlu riċerka dwar l-istejjer u t-tradizzjonijiet marbuta ma Wied il-Għasel u l-madwar.
- Għandna nħeġġu sabiex l-artisti joħolqu kunċett sħiħ f'din ir-roundabout
- Il-Kunsill ma jintrabat bl-ebda mod li jwettaq dawn il-proġetti preżentati sakemm ma jkunx hemm fondi jew finanzjamenti oħra .

Il-Professur George Cassar kellu jħejji termini ta' referenza għal din l-espressjoni ta' nteress Il-Kunsilliera approvaw.

**Roundabout biswit il-Pont :**
Għalkemm il-kumitat u l-kunsill għandu jipproponi suġġett jew tema bħala bażi, l-artist għandu jitħalla fil-libertà artistika biex joħloq disinn jew kunċett sħiħ.
Jista' jkun ukoll li apparti disinn ta' skultura jew stallazzjoni artistika, l-artist joħloq kunċett ta' *landscaping* fil-post.
Kien hemm qbil li x-Xheda ta' biswit iċ-Ċentru Ċiviku tibqà f'postha u fis-sit propost isir xi ħaġa totalment oriġinali.
Però hija x-xewqa tal-kumitat li s-suġġett ikun Wied il-Għasel bil-kultura, storja u t-tradizzjonijiet tiegħu.
Il-Professur George Cassar kellu jħejji termini ta' referenza għal din l-espressjoni ta' nteress
Il-Kunsilliera approvaw.

**Monument fil-Pjazza (Obelisk) :**
Dwar il-possibbiltà tal-Obelisk fil-Pjazza kien hemm qbil li jekk kemm il-darba dan il-proġett isir ma jkun hemm l-ebda monument ieħor fil-pjazza intera. B'hekk ikun qed jieħu ċ-ċentru tal-attenzjoni d-disinn ta' Grognet. Dan ikun ifisser li lanqas il-pedestall bl-iljun fuqu li nqala temporanjament minħabba r-restawr tal-ġiebja ma jerġa jitpoġġa fil-pjazza. Il-kumitat ippropona li l-pedestall bl-iljun għandhom jkunu ntegrati fil-proġett ta' Project Green fi Ġnien Reġġie Cilia u l-madwar tiegħu. B'hekk dan l-istess pedestall bl-iljun fuqu għandhom jidħlu fl-applikazzjoni li ser isir għall-proġett ta' Project Green mill-perit Studjurban.

Kien hemm qbil li kif IM qed jagħmlu xogħol infrastrutturali fil-pjazza, għandhom ikunu mħejjija l-pedamenti meħtieġa biex fl-eventwalita li jitwettaq dan il-proġett, inkunu preparati.
Is-Sindku kellu jagħmel din it-talba lill-IM biex jekk hu possibbli l-pedament tal-Obelisk isir minn IM.
Il-post maqbul u l-unika post possibbli huwa fil-bokka ta' Triq Kurat Calleja mall-bieb prinċipali tal-Bażilika, fuq l-aktar parti l-barra tal-bankina, biex b'hekk dan l-Obelisk ikun l-aktar bogħod possibbli mill-bini ta' warajh.

Qed jitħejja disinn b'mod l-aktar professjonali kif ukoll pjanti u dettalji tal-lavur minn Innocent Centorrino, u għandu jsir viżwal mill-perit ta' Studjurban biex meta nibdew niltaqgħu mal-awtoritajiet konċernati jkollna pjan imħejji wkoll viżwal. Il-pjan huwa li dan l-Obelisk isir fuq id-dimensjonijiet ta' perit Grognet.
Il-kumitat qabel ukoll li hemm bżonn jiġi identifikat materjal għal dan l-Obelisk, possibbilment mhux ġebla u tinġieb stima dettaljata ħalli wara l-kumitat jkun jista' jħejji pakkett dettaljat b'informazzjoni inkluż pjanti, viżwal, stima ħalli possibbilment iħajjar persuni, negozji, banek jew terzi biex jibda proċess li jinġabru dawk il-fondi neċessarji ħalli jiġi ffinanzjat dan l-Obelisk.
Il-membri preżenti approvaw.

**REF: 59.3.11 - SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma jidhrilhiex li rċevejna risposta jekk l-applikazzjoni ġietx aċċettata, però ħa tiċċekkja.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-applikazzjoni saret biex jsir tindif fix-xelter quddiem il-ħanut Bormla, fejn ġibna stima li jinkludi *power wash,* liema spiża globali hija ta' €5,000 u l-Kunsill bħala fondi ser jieħu lura €1,500. Din l-attività ser issir mis-6 sa l-10 ta' Settembru.

**REF: 59.3.12 - SPI/SCI/04/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati**
Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-*community police,* fejn ser napplikaw għal-*scooter*, rota u *electric bollard*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li talbet lis-Segretarju Eżekuttiv ta' San Gwann biex jipprovdi lis-*specifications* tar-rota, peress li huma xtraw waħda.
Saret diskussjoni dwar fejn tista' ssir l-*electric bollard*, u l-membri preżenti qablu li din tista' tkun bħala *pilot project* fi triq Grognet k/m triq San Ġwann.

**REF: 59.3.13 - SPI/SCI/05/2023 Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**
Is-Sindku nforma li huwa kellu f'moħħu li jipproponi li jitbiddlu l-*bollards* tad-dawl ta' Ġnien Calvagna, simili għal dawk mibdula diġà fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta però huwa fatt li dan mhux ġnien li qed jieħu ħsiebu l-Kunsill, u għalhekk ġie ssuġġeriet li dan il-fond jintuża f'post alternattiv li jkun responsabbli minnu l-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li napplikaw għal din l-iskema fuq il-proġett tal-pjazza li ser ikun lest sa tmiem is-sena. Peress li l-pavimentar qed isir kollu livell wieħed u ma hemmx distinzjoni bejn il-karreġġati tal-karozzi u l-bankina, allura hemm bżonn li jsiru dawk il-*bollards* u/jew *landscaping* neċessarju biex tinħoloq sigurtà. Dan il-proġett tal-pjazza qed isir mill-Gvern Ċentrali u ser ikun lest din is-sena 2023 u għalhekk nikkwalifikaw għal din l-iskema. Il-massimu li nistgħu nibbenifikaw minn din l-iskema huwa €30,000 inkluż il-VAT. Il-perit tal-proġett Studjurban ħejja stima ta' €81,000 inkluż il-VAT. Il-bilanċ ta' fondi neċessarju jħallashom il-Kunsill.

Mall-applikazzjoni trid issir dikjarazzjoni li dawn l-ispejjeż elenkati fl-applikazzjoni li qed jiġi mitlub il-finanzjament tagħhom ma humiex iffinanzjati minn xi fondi oħra, kif ukoll li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u li kapaċi jonora l-obbligazzjonijiet proposti fl-applikazzjoni.

Fit-7:55pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku jekk l-għamara tat-toroq li semma bħal bankijiet kif ukoll il-*landscaping* humiex inklużi fl-ammont li se jittieħed mid-DPF biex jitħallas il-pavimentar, fejn is-Sindku nforma li mid-DPF il-flus allokati huma għal-pavimentar biss. Anzi, lanqas kienu biżżejjed għall-pavimentar kollu u kien għalek li ser jgħinu wkoll l-Awtorità tat-Turiżmu. Il-Kunsillier staqsa lis-Sindku jekk l-għamara tat-toroq, hux ħa tittieħed mil-baġit tal-Kunsill, għax dawn għad mhux mniżżlin fil-baġit *plan.* Is-Sindku nforma li mhux mniżżlin fil-baġit għaliex huwa qed jiddiskuti ma Project Green biex dawn isiru minnhom u għalhekk ma jkunx hemm il-bżonn li jiġi affettwat il-baġit tal-Kunsill.
Il-membri preżenti approvaw.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li għad iridu jiltaqgħu dwar toroq li hemm bżonn jinbidlu xi ismijiet.

**REF: 61.3.3 Community Police**
Is-Sindku nforma li l-GEB aċċettaw il-kamra li hemm fi ġnien 15 t'Ottubru, Żokkrija, u talbu li jsir *toilet*. Trid tinħareġ Works Order biex isir dan ix-xogħol neċessarju. Mingħand il-Community Police għad qed nistennew jekk hux ser jaċċettaw jkollhom l-uffiċju flok fejn hemm il-GEB illum, jew fl-għassa. Tkun xi tkun id-deċiżjoni tal-GEB, il-GEB intuwhom il-kamra taż-Żokkrija u l-kamra li għandhom il-GEB fil-binja taċ-ċentru ċiviku jeħodha il-kunsill għax

anke jekk il-Community Police ma jużawhiex, il-Kunsill xorta għandu użu għal din il-kamra. Jekk jiġri hekk, inkunu rridu navżaw il-Lands biex il-kirja ta' din il-kamra tiġi t'għajjat lill-Kunsill Lokali.
Il-membri preżenti qablu.

**REF: 61.3.4 Skrapjar ta' Vetturi**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li min żewġ kumpaniji, probabbilment ser nispiċċaw naħdmu ma wieħed, għax tar-Roc-A-Go baqgħu ma rrispondewx, Roderick Scrappage intbagħat il-kuntratt u ċempilnilu wkoll imma baqa' ma bagħatx risposta, u għalhekk fadal biss il-kumpanija Baldacchino Scrappage of Vehicles. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill risposta mil-avukat tal-Kunsill li rċeviet illum stess, dwar domandi li ressqet lil-Avukat dwar iċ-ċitazzjonijiet, *towing* u skrappjar. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għaddiet il-kuntratt lil-Avukat għal-fini ta' illegalitajiet.

**REF: 61.3.5 Claims**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-kumitat tal-*claims* għadu ma ltaqax.

**REF: 61.4.1 Għajnuna lil-Għaqdiet bil-ħlas tal-Wardens.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet lir-reġjun tistaqsi jekk fiż-żmien il-ġimgħa tal-festa (9 sal-15 ta' Awwissu) hux ser jibqa' b'xejn is-servizz tal-pulizija u ma jintużawx il-fondi, fejn ir-risposta kienet li ma jafux, però il-fondi jistgħu jintużaw għas-servizzi tal-*fire engine*, LESA u Pulizija, u jidher anke *barriers*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet tistaqsi l-għassa.

**REF: 61.4.2 Użu ta' Parkeġġ fl-Iskejjel**
Il-Kunsillier Borg nforma li kellu laqgħa fejn ġie nfurmat li l-intenzjoni hija li għal iffirmar tal-MoU ser jkun hemm ċerimonja bil-preżenza tal-Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tilħaq issir il-garanzija bankarja skont l-MoU. Il-Kunsillier Borg nforma li ħa jiċċekkja fuq min trid toħroġ il-garanzija bankarja.

**REF: 61.4.3 Dog Bins**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsillier Gatt għandu jibgħat lista tad-*doggy bins* lil-Kunsilliera Bonnici biex tiċċekkja fejn hemm bżonn jsiru. Is-Sindku nforma li hemm bżonn *doggy bins* ġnien 15 t'Ottubru u triq il-Mitħna viċin ġnien Victor Calvagna, u Il-kumplament ta' *doggy bins* tikkonfermahom il-Kunsilliera Bonnici.

**REF: 61.5.3 Quarterly Report 1: January – March 2023**
Is-Sindku nforma li l-baġit jkun rivedut wara li nkunu nafu kemm huma l-ammonti fi flus li l-Kunsill jrid jiġbor. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-folder tal-Kunsilliera hemm il-lista ta' flus li l-Kunsill jrid jiġbor liema lista ġiet diskussa u qed tiġi annessa bħala Appendiċi A.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lill-bord ta' evalwazzjoni li jridu jagħtu *feedback* fuq id-*draft* tender;

- KLMT 04-2023 - Road Maintenance of Access and Access only roads and ancillary works

Kif wkoll din il ġimgħa ntbagħatu *drafts* ta' dawn it-tenders għal-*feedback* u approvazzjoni tal-Kunsilliera;

- KLMT-06-2023 Street Sweeping Services in the locality of Mosta, using Environmentally friendly service vehicles.
- KLMT 05-2023 Supply of Christmas street lighting decorations
- KLMT 02-2023 Cleaning and Upkeep of Public Convenience
- KLMT 01-2023 Upkeep & Maintenance of Parks Gardens & Soft Areas

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil-bord ta' evalwazzjoni li jridu jevalwaw dawn it-tenders;

- KLMT 03-2022 Services - Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council.
- KLMT 03-2023 Services - Provision of Insurance Services Policies to the Mosta Local Council

Dwar tender KLMT 05-2023 Supply of Christmas street lighting decorations, is-Sindku nforma li fit-tender jixtieq jdaħħal disinn ġdid li huwa talab li jsir għall-Mosta. Id-disinn għamlu Mosti, s-Sur Jeffrey Galea.

Dwar tender KLMT-06-2023 Street Sweeping Services in the locality of Mosta, using Environmentally friendly service vehicles, is-Sindku nforma li jixtieq jibdel il-frekwenzi ta' ċertu toroq ta' meta jsir il-knis, li hemm bżonn jiżdiedu min darba fil-ġimgħa għal imqar darbtejn. Inkluż ċertu ħasil ta' toroq u tindif ta' *culverts.*
Ghalhekk is-Sindku staqsa lil-membri preżenti jekk hux ħa jkun hemm tender għalih għat-tindif ta' *culverts* u ieħor għal ħasil ta' toroq, jew jkunux ma tal-knis.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku pjan tal-ħasil ta' toroq u tindif ta' *culverts*, u kemm ser jiswew qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi jekk hux ser jagħmel tlett tenders.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li tajjeb li jsir il-ħasil ta' toroq u tindif ta' *culverts,* imma mportanti li jrid jkun hemm allokazzjoni għalihom.
Il-Kunsillier Cassar spjega li dan ġara bi ġnien l-Għarusa tal-Mosta, fejn fl-2019 Ambjent Malta nefqu madwar €500,000, u tawh lil-Kunsill biex jieħu ħsieb dan il-ġnien meta ma kellux allokazzjoni għalih. U din hija l-istess għal-*culverts* li qed jiżdiedu, nirringrazzjaw lil Infrastruttura Malta (IM) għax xogħol li qed tagħmel, imma jekk il-Kunsilli ma jkollomx sostenn ta' riżorsi fi flus għal-manutenzjoni tagħhom, il-Kunsilli jistgħu jagħlqu l-bibien, apparti li kulħadd jaf li l-ispejjeż sparraw il-fuq.

Is-Sindku spjega li huwa jippreferi jkun hemm iktar minn tender wieħed għliex jekk ikun hemm kwistjoni mall-kuntrattur jew il-kuntrattur ma jkunx qed jagħti servizz tajjeb il-Kunsill, jispiċċa jeħel kollox. Il-fatt li jkun hemm iktar minn kuntrattur wieħed ma jkunx jista' jiġri dan. Finanzjament, jkunx hemm ix-xogħol kollu fuq tender wieħed jew aktar mhux se tagħmel differenza. Realment tenders jista' jkun hemm tnejn biss cioe tal-knis/bins u tal-ħasil u tindif ta' culverts. It-tenders iridu jiġu preparati għax ma nistgħux ninqabdu bla tenders.

**REF: 62.4.2 Park and Ride**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sa issa kwotazzjoni waħda rċevejna li hija ta' €30 eskluż. VAT is-siegħa, oħrajn bagħtu xi domandi li rrispondejna u għandna qed nistennew kwotazzjoni. Il-Kunsillier Cassar ikkalkula li l-*park and ride* ħa tiswa madwar €550, u l-membri preżenti approvaw l-istima.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil-membri preżenti dwar il €1 ħlas għal min juża l-*park and ride*, jekk hux ser issir, u jekk iva min ser jiġbor il-ħlas. Il-membri preżenti unanimament qablu li ħa tkun problema biex jkun hemm xi ħadd jiġbor il-flus, u għalhekk mhux ser jkun hemm il-ħlas ta' €1.

**REF: 62.4.5 Statwi tal-Bronż**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għajnuna mil-Kunsillier Camilleri peress li għandu xi kuntatti biex nkunu nistgħu nġiebu l-kwotazzjonijiet, kif wkoll ser jġib xi stimi s-Sindku. Is-Sindku semma li wieħed mill-aqwa kuntatt għal restawr tal-istatwi tal-bronz huwa l-artist Chris Ebejer.

**REF: 62.4.6 Electric Charging Pillars.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet imejl lil-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żviluppi Sostenibbli, biex il-Kunsill jkollu *update* fuq ic-*charging pillars* li ser jitwaħħlu fil-Mosta.

**REF: 62.4.11 Jum il-Mosta u Festa Qargħasel**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li ħriġna l-applikazzjonijiet ta' Ġieħ u Onorifiċenza ta' Jum il-Mosta u jagħlqu fl-4 ta' Awwissu f'nofs in-nhar. Lil-għaqdiet bagħatnilhom l-applikazzjonijiet b'imejl.

Rigward Festa Qargħasel peress li ma hemmx baġit għax il-prezzijiet ta' l-artisti u min jarma bl-istands qed jisparaw bl-addoċċ, din is-sena mhux ser isir, u l-ftit baġit li jkun fadal min Jum il-Mosta jkun trasferit għal-attività ta' San Martin li ser isir f'Novembru.
Għalhekk il-baġit ta' €20,000 ser jkun maqsum €15,000 għal Jum il-Mosta u €5,000 għall-attivita ta' San Martin.

Saret diskussjoni dwar il-possibbiltà li Jum il-Mosta isir fl-oratorju flok fil-Pjazza anke minħabba l-fatt li hemm ix-xogħlijiet, u biex fl-istess ħin jsir l-inawgurazzjoni tar-restawr li sar fuq l-oratorju. Il-Kunsillier Camilleri ħa jiċċekkja mil-Ministeru.

Fit 8:50pm il-membri preżenti qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa sad 9:30.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 62.

**63.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**63.3.1 Permessi ta' Scaffoldings**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġiet iċ-ċirkolata imejl dwar il-komunikazzjoni mid-dipartiment tat-3 ta' Lulju, fejn saru l-bidliet li ġejjin fuq it-Tip tal-Permess tal-Armar.

Emenda oħra hija ż-żieda ta' sub-regolament ġdid bin-numru (1a) wara regolament 7(1) li jipprovdi li l-ebda persuna ma tista' tqiegħed jew li jitqiegħed *scaffolding* f'xi triq, mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali. Dan ifisser li mil-lum il-quddiem għal kull provvista ta' *scaffolding* irid jinġieb il-permess mill-Kunsill Lokali u jsir il-ħlas ta' €2.33 għal kull metru kwadru jew parti minnu għal kull jum jew parti minnu. Dan irrelevanti jekk minn taħt l-iscaffolding jitħalliex passaġġ permezz tal-pubbliku jew le, fejn dejjem irid isir ħlas.

Is-sistema issa dejjem se tiġġenera prezz ta' €2.33 kull metru kwadru għall-użu ta' scaffolding.

**63.3.2 Tables & Chairs fi żmien il-Festa**
Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni tal-membri preżenti biex din is-sena biss il-ħwienet ma jħallsux għal-permess tat-*tables and chairs* fiż-żmien il-festa, bħala ġest ta' rieda tajba mill-Kunsill tal-inkonvenjent li setgħu ġarrbu jew għadhom iġarrbu waqt l-eżekuzzjoni tal-proġett tal-pjazza.
Saret diskussjoni u l-Kunsillier Cassar issuġġerixxa l-possibbiltà li nitolbu miżata żgħira għall-ġbir ta' skart ta' wara l-festa. Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti unanimament approvaw biex il-permessi tat-*tables and chairs* jingħata lill-ħwienet kollha bla ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tintbagħat ittra lil-ħwienet tal-Pjazza u l-madwar fejn soltu jintramaw imwejjed u siġġijiet.
Il-Kunsillier Cassar nforma li m'għandhomx jiżdiedu aktar gabbani.
Il-Kunsilliera approvaw u mhux ser tittieħed miżata żgħira għall-ġbir tal-iskart.

**63.3.3 Qsari fil-Pjazza**
Is-Sindku nforma li l-pjazza ser tkun fetħa konkos, u mhux ser jkun hemm indikazjoni bejn karreġġata tal-karozzi u l-bankini, u għalhekk tal-parir li nġiebu kwotazzjoni biex nikru siġar u/jew arbuxelli li niddefinixxu l-linji bihom flok bil-*bollards,* għal-ġimagħtejn tal-festa.

Il-membri preżenti approvaw nġiebu kwotazzjoni għal kiri ta' siġar u/jew arbuxelli bħala *buffer zone*. Is-Sindku ser jistaqsi lis-Sur Steve Ellul ta' Project Green, jekk hux possibli li PG tipprovdi l-ammont ta' siġar u/jew arbuxelli neċessarji. Jekk le is-Segretarju Eżekuttiv jeħtieġ li ġġib il-kwotazzjonijiet.

Tkompliet id-diskussjoni dwar jekk għandiex tingħalaq jew le l-pjazza, fejn il-membri qablu biex ma jsirux siġar u/jew arbuxelli bħala *buffer zone*, u l-pjazza tibqa' magħluqa matul il-festa kollha u ma tiunfetaħx matul il-waqfa tal-festa. Ix-xogħol ser jerġa jitkompla minn IM mill-21 ta' awwissu wara l-festa. Għalhekk is-Sindku ser jressaq is-suġġeriment lil Infrastructure Malta (IM), biex naraw wkoll magħhom minħabba *safety* hux possibli li l-pjazza ma tinfetaħx matul il-waqfa tal-festa. Il-membri preżenti qalbu li jekk IM ikunu lesti li jiftħu l-pjazza, tinfetaħ u l-Kunsill ikollu jagħmel il-pjanti bħala sigurta.
Il-Kunsilliera qablu li idejalment il-pjazza tibqa' magħluqa matul il-waqfa tal-festa.

Is-Sindku nforma li ser isir esibizzjoni f'post li ngħata lil Kunsill b'xejn inn resident, fejn din l-esibizzjoni ser tkun dwar il-proġett tal-pjazza, kif ser ikun jidher lest billi ser ikun hemm viżwali u anke dettalji dwar l-Obelisk propost mill-kumitat maħtur. Is-Sindku nforma li offra lil-Project Green biex jesebixxu l-pjanti u l-viżwali tal-proġett ta' PG ukoll u jħallsu parti mill-ispiża globali bħal l-ispejjeż tal-*printing* tal-parti tagħhom li se jesebixxu. Is-Sindku ser jiġbor il-kwotazzjonijiet neċessarji, u nforma li ħa jkun hemm bżonn *security* waqt il-ftuħ ta' l-esibizzjoni minħabba li din hija residenza private u anke biex ma jsirx vandalliżmu fuq il-materjal tal-esebizzjoni.
Il-Kunsilliera approvaw.

**63.3.4 Memorial Tree**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għal għeluq tat-30 sena anniversarju tal-Kunsilli Lokali, ħa tingħata siġra lil kull Kunsill biex titħawwel fil-lokalità. Saret diskussjoni, u s-Sindku ppropona li ssir fil-pjazza fejn kien hemm il-lapida ta' Mintoff li għad trid terġa teħel fl-istess post njew fil-viċinanzzi immedjati wara li jitlesta l-proġett.
Saret diskussjoni, fejn sar qbil li għanda tkun siġra li titħawwel quddiem il-binja tal-Kunsill.

**63.3.5 Tiġdid ta' Kuntratt Animal Welfare Steward**
Il-membri preżenti approvaw li jiġġedded il-kuntratt tal-Animal Welfare Steward.

**63.3.6 Tiġdid ta' Finanzjament għal-Animal Welfare**
Il-membri preżenti approvaw il finanzjament ta' €2,000 għas-sena 2023, għal-Animal Welfare.

**63.3.7 Cirk. 13/2023 Tqegħid Temporanju ta' Caravans fil-Lokalitajiet**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġew iċ-ċirkolati mal-Kunsilliera ir-Regolamenti tal-2023 dwar tqegħid temporanju ta' *caravans* f'lokalitajiet, illi ġew pubblikati fl-Avviż Legali 136 tal-2023.

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti fejn kien hemm min qabel u min le li jkun hawn siti tal-*caravans* fil Mosta, fejn id-deċiżjoni finali kienet li ma jkunx hawn siti ta' *caravans* ġewwa l-Mosta, u ma jinħarġux permessi għal tali tqegħid.

**63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**63.4.1 Boċċi ta' fejn is-City Bar**
Il-Kunsillier Cassar staqsa meta saru il-boċċi ta' fejn is-City Bar għax ma dehrux fil-*works orders.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienu fil-*works orders list,* u ilhom li ġew approvati.
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-*bolt* li hemm fit-tarmak huwa qasir, u s-Sindku nforma li dawn issa saru bis-*sika grouting* u jekk hemm bzonn il-kuntrattur itawwal il-ħadida aktar mingħajr ħlas addizjonali.

Fid 9:30pm Il-Kunsillier Cassar talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**63.4.2 CCTV fi Triq it-Trinċetta**
Il-Kunsillier Borg nforma li fi triq it-Trinċetta hemm bżonn CCTV għax qed jkun hemm abbużi b'vetturi li qed jgħaddi *gas down* u *one-way*. Is-Sindku nforma li mpossibbli u mhux faċli jsiru kameras f'kull triq minħabba abbuż daqs kemm jkun hawn, apparti min hekk dan *enforcement* jrid jsir.

**63.4.3 Pelican Lights fejn is-Subaru**
Il-Kunsillier Borg staqsa meta ser jsiru il-*pelican lights* fejn is-Subaru. Sar qbil li tintbagħat email lill-IM.

**63.4.4 Gzuz ta' Skart**
Il-Kunsillier Gauci nforma li l kuntrattur qed jiġbor l-iskart gożż qabel ma jgħaddi jiġbru bl-iskammel, u staqsa min suppost jnaddaf meta l-kuntrattur tinfaqalu jew taqalu borża ta' l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntrattur jrid jnaddaf, u skont it-tender jista' jagħmel il-boroż gożż sa massimu ta' kwarta.

**63.4.5 Ta' Bistra**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa meta ser jitkompla ix-xogħol li kien qed jsir fejn ta' Bistra għax ilhom madwar ġimagħtejn ma jitkomplew ix-xogħlijiet. Is-Sindku nforma li ta' Bistra weqfin għax biex jagħmlu l-*cables* jridu jlestu t-trinka kollha. Is-Sindku qara l-imejl li rċieva, u nforma li llum u għada l-Enemalta qed jgħaddu l-*cables* ta' triq Difiża Ċivili għal triq Bistra, u jkun għad fadal il-*main* tal-Water Services, jersqu xi *mains* tad-drenaġġ, jsiru *mains* ġodda tal-ilma u tad-

drenaġġ residenzjali, u jinħalqu t-trinek. L-Enemalta nformaw li għandhom jlestu sa tlett ġimgħat oħra. Wara l-Enemalta jibqa' x-xogħol ta' drenagg.

**63.4.6 Knis**
Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk isirx knis u min suppost jagħmlu, fi triq il-Fortizza, quddiem l-RS2 fejn hemm il-Paramount. Dan suppost jagħmlu l-kuntrattur tal-knis tal-Kunsill.

**63.5 Rapporti**

**63.5.1 Update - Development Funds as at 18.07.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa, kif wkoll b'imejl.

**63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**63.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 141.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**63.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**63.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**63.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Mejju 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**63.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fid-9:40pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-29 t'Awwissu 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 18 ta' Lulju 2023.

IFFIRMATI
Perit Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv